# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002**

**Kawza Numru: 31**

**Citaz. Nru. 1813/99 GV**

Doc. 232-02

**Roccu Caruana**

**Vs**

**Happy Saver Chain Stores Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur kien silef ghal numru ta' snin vetturi w ingenji lis-socjeta' li taghha huwa kien azzjonist u direttur, flimkien ma' numru ta' persuni ohra;

Premess illi dawn il-vetturi w ingenji kienu jikkonsistu f'zewg vannijiet Ford Transit numru ta' registrazzjoni IBA-048 u IBA-049, Truck Ford numru ta' registrazzjoni CBD-256, Van Mercedez numru ta' registrazzjoni CBD-257, *forklifter* u zewg *pallet loaders*;

Premess illi l-arrangament kien illi s-socjeta' konvenuta kellha taghmel tajjeb ghal kwalsiasi hsarat jew manutenzjoni li seta' jkun hemm bzonn

b'rizultat tal-uzu ta' dawn il-vetturi w ingenji b'rizultat tal-uzu ta' dawn il-vetturi w ingenji mis-socjeta' konvenuta;

Premess illi dan l-ahhar l-azzjonisti originali fis-socjeta' konvenuta waslu ghal arrangament ghall-bejgh ta' sehemhom fis-socjeta' konvenuta w il-vetturi w ingenji gew ritornati lura lill-attur;

Premess illi sallum, pero', is-socjeta' konvenuta ghadha ma kkumpensatx lill-attur ta' l-ispejjez li kellu jaghmel u ghad ghandu jaghmel fl-imsemmija vetturi w ingenji b'rizultat tal-uzu maghmul mill-istess socjeta' konvenuta;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli illi tikkumpensa lill-attur tal-hsarat u manutenzjoni illi ghamel tajjeb ghalihom l-istess attur fil-vetturi w ingenji mislufa lill-istess socjeta' konvenuta, b'rizulta tal-uzu naghmul minn dawn il-vetturi w ingenji mill-istess socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida l-kumpens hekk dovut lill-attur;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur il-kumpens li jkun hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici kwantu diretti lejn is-socjeta' eccipjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi meta l-attur flimkien mal-azzjonisti l-ohra biegh u trasferixxa l-ishma tieghu lill-azzjonisti odjerni ddikjara illi ma kellu ebda pretensjoni kontra s-socjeta' konvenuta;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi kien jezisti xi forma ta' arrangament kif qed jigi allegat u dana stante illi l-azzjonisti kollha kienu taw jew sellfu lill-kumpanija xi ngenji u/jew oggetti ohra;

Illi inoltre huwa ghandu jipprova b'mod dettaljat il-kumpens illi qed jippretendi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli illi tikkumpensa lill-attur tal-hsarat u manutenzjoni illi ghamel tajjeb ghalihom fil-vetturi u ingenji mislufa lis-socjeta' konvenuta, b'rizultat tal-uzu maghmul minn dawn il-vetturi w ingenji mill-istess socjeta'. Tillikwida l-kumpens dovut u tikkundanna lis-socejta' konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li l-attur kien iddikjara, meta sar it-trasferiment tal-ishma, li hu ma kellu ebda pretensjoni kontra s-socjeta' konvenuta.

Mhux minnu li kien hemm xi forma ta' arrangament li kellu jsir xi pagament lill attur billi l-azzjonisti kollha kienu taw jew sellfu lill-kumpanija xi ngenji u/jew oggetti ohra;

l-attur ghandu jipprova b'mod dettaljat il-kumpens illi qed jippretendi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attur kien silef ghal numru ta' snin diversi vetturi u ingenji lis-socjeta' konvenuta li taghha huwa kien ukoll azzjonist u direttur flimkien ma' numru ta' persuni ohra. Illi s-socjeta' konvenuta kienet accettat li taghmel tajjeb ghal hsarat u manutenzjoni ta' dawn il-vetturi li seta' jkun hemm bzonn b'rizultat tal-uzu ta' dawn il-vetturi u ingenji. Is-socjeta' konvenuta bieghet l-ishma taghha u l-vetturi gew ritornati lill-attur izda minghajr ma hallsuh tal-hsarat.

L-attur esebixxa minuta (ara fol. 47) fejn fil-klawsola 6 id-diretturi qablu li jithallsu l-ispejjez tal-hsarat tat-trakkijiet, vanijiet, l-*lifters*, u *pallet loaders* li tnizzlu mid-diretturi. Jigu pprezentati *invoices* li jindikaw il-hsarat u jithallsu immedjatament. Kienet saret ukoll riserva ta' Lm5,000 ghal *claims* li setghu jinqalghu wara (ara xhieda ta' Charles Calleja a fol. 67 u Louis Calleja fol. 17).

L-attur kien ipprezenta ricevuti u stimi tal-hsarat u tiswijiet necessarji, u kiteb bl-avukat, izda baqa' ma thallasx.

Kuntrarjament ghal dak li eccepew il-konvenuti fit-tieni eccezzjoni, Louis Calleja, direttur tas-socjeta' konvenuta, xehed li huma kienu lesti li jhallsu l-ispejjez dovuti lil min kien silef xi ngenji lill-kumpanija, basta

jgibu r-ricevuti. L-attur kien baghtilhom id-dokumenti li kien hemm bzonn izda l-istess baqa’ ma thallasx.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel talba ta’ l-attur hija gustifikata.

Kwantu ghat-tieni talba, l-attur xehed dwar il-hsarat li kien hemm fil-vetturi u ingenji u t-tiswijiet li saru u li ghad iridu jsiru (ara fol. 24) u ressaq xhieda biex jikkonfermaw id-dokumenti - stimi u ricevuti - li huma hargu.

L-attur ipprezenta rendikont (ara fol. 84) minn fejn jirrizulta li l-ammont dovut lilu llum huwa ta’ Lm2,544.97. Dana l-ammont ma giex kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici tikkundanna lis-socejta’ konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’elfejn hames mija erbgha u erbghin lira u sebgha u disghin centezmi (Lm2,544.97).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**